MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Numru 74/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
v

**JASON VELLA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JASON VELLA** ta’ sitta w ghoxrin sena, bin Anthny u Carmen nee Roberts, imwieled nhar t-tlieta ta' Awissu 1974 u residenti 14, Flat 3, Triq l-Imhazen, Floriana, detentur ta’ karta tal-identita numru 442374M gie imressaq quddiemha w akkuzat talli fit-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 1999, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, gewwa Tas Sliema u fi bnadi ohra, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda,

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku jew pubblliku jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat u cioe diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta plc, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-parttijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dak l-att jew skrittura wara li kienu gew ffirmati, inkellha billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dak l-att jew skrittura kellu jkollu fihom jew kellhom jippruvaw u dan ghad-dannu ta' Owl Services Limited, NSTS Aquacentre Sliema, Falcon Tours Limited, Eric Fonk, Reno Zammit, Francis Stivala, Bank of Valletta plc, u bosta persuni ohra;
2. talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u cioe cekkijiet tal-Bank of Valletta, ghad-dannu ta' Owl Services Limited, NSTS Aquacentre Sliema, Falcon Tours Limited, Eric Fonk, Reno Zammit, Francis Stivala, Bank of Valletta plc, u bosta persuni ohra;
3. talli b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifika foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta’ ntraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn hamsin lira maltin ghad-dannu ta' Owl Services Limited, NSTS Aquacentre Sliema, Falcon Tours Limited, Eric Fonk, Reno Zammit, Francis Stivala, Tower Supermarket Sliema, Paparukei Sliema, Joe Leone Ganado, Bank of Valletta plc, u bosta persuni ohra;
4. talli approprija ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra minn haga ta' haddiehor li giet fdata jew kkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depositu necessarju taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat fl-ammont li jeccedi l-elf lira maltin ghad-dannu ta' Owl Services Limited, NSTS Aquacentre Sliema, Falcon Tours Limited, Eric Fonk, Reno Zammit, Francis Stivala, Bank of Valletta plc, u bosta persuni ohra;

5. talli kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata pecifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba u tas-sitt taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanufattura jew jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

6. talli sar recidiv f'reat b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar d-disgha ta' Ottubru 1997 kif wkoll b'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tletin ta' Gunju 1999.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Frar 2001 esebit fl-atti a fol 11 w immarkat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza, fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parte tal-imputat, tinstemgha bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami li sar mill-Qorti lill-imputat ai termi tal-artikolu 370(4), 390(1) u 329 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar l-hmistax ta' Marzu 2001.

Rat il-Fiat tal-Avukat Generali datat hamsa ta' Frar 2001 ai termini tal-artikolu 22(2) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) esibit a fol 12 tal-atti markat bhala dokument CSH 3 sabiex din il-kawza tinstemgha quddiem il-Qorti bhala wahda ta' gudikatura kriminali.

Rat l-atti kollha tal-kawza nkluz l-istqarrija tal-imputat rilaxxjata nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Ottubru 1999 esibita bhala dokument CSH 4 a fol 13 et seq tal-atti odjerni.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar s-sittax ta' Frar 2004 ghall-akkuzi kollha kif dedotta fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Rat t-talba tal-imputat sabiex il-Qorti tinnomina Probation Officer sabiex thejji pre sentencing inquiry report fil-konfront tieghu.
Illi permezz ta' digriet appositu datat sittax ta' Frar 2004 il-Qorti nnominat lil-Senior Probation Officer Miriam Sevasta ghal dan l-ghan.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja ta' Gunju 2004 dehret is-Semior Probation Officer Miriam Sevasta li ppresentat u halfet r-relazzjoni taghha li giet mmarkata bhala dokument MS a fol 108 tal-atti konsistenti f'Pre-Sentencing Inquiry Report.

Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat kellu problema kbira ta' abbuz ta' droga tant li mis-sena 1991 sas-sena 2000 l-imputat instab hati ta' pussess ta' droga Eroina f'erbgha okkazjonijiet.  Illi pero' minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta illi l-imputat ghamel zmien jattendi c-Centru tad-Detox fejn inghata l-Methodone w ilu ma jmiss din id-droga ghal din l-ahhar sena u cioe` minn meta beda jahdem fuq bazi regolari.  Illi huwa fil-fatt ukoll segwa zewg programmi ta' riabilitazzjoni mal-Caritas, wiehed fuq bazi residenzjali u l-iehor kien *day programme*.  Illi l-imputat illum ghandu mpieg fiss bhala haddiem tax-Xatt u jinsab kuntent hafna f'dan l-impieg.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serja hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn din il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Illi f'dan il-kaz il-Qorti thoss li ghandha taghti cans lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin.

Illi l-Qorti rat ir-rakkomandazzjoni tal-Ufficjal tal-Probation u cioe` li l-imputat ghandu jinghata sentenza sospiza b'supervizjoni.

Illi bir-rispett kollu pero l-Qorti tirrileva li din it-tip ta' sentenza ma tistax tinghata legalment ghaliex l-imputat huwa hati tal-akkuza tar-recidiva u skond l-artikolu 28A(7)(b) meta l-kundannat jkun recidiv fit-terminu tal-artikolu 50 b'sentenza ta' prigunerija sospiza ma tistax tinghata.

Illi l-Qorti pero' rat li fil-fehma tal-Ufficjal tal-Probation, l-imputat ghalhekk m'ghandux jintbaghat il-Habs, izda ghandu jinghata cans sabiex jibqa' fit-triq it-tajba b'dan pero li jkollu s-supervizjoni adegwata fuqu.

Illi ghalhekk fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li ghandha tappunta Ufficjal tal-Probation sabiex jimmonitorja u jsegwi lill-imputat ghal perjodu ta' zmien. Pero minhabba l-fedina penali tieghu rifrettarja, din il-Qorti thoss li ghandha timponi ukoll multa fil-massimu taghha.

**Illi ghalhekk wara li l-Qorti rat l-artikoli u cioe` 49, 50, 183, 184, 308, 309, 310, 293, 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet**

**ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputat JASON VELLA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u dan fuq ammissjoni tieghu stess u ghaldaqstant tordna lill-imputat jitqieghed taht sorveljanza ta' Ufficjal tal-Probation ghall-perjodu ta' tlett snin ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex hija thoss li s-sorveljanza tal-hati minn Ufficjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tigi assigurata r-rihabilitazzjoni tal-hati u jigi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jaghmel il-hati u b'hekk jigi prevenut ukoll l-ghemil tar-reati ohrajn.**

**Il-Qorti tordna bhala kundizzjoni ta' din l-ordni tal-Probation, li l-imputat jaghti kampjun tal-awrina tieghu lill-istess Ufficjal tal-Probation kull meta jigi hekk mistoqsi u dan sabiex il-Qorti tkun certa li l-imputat qed izomm il-boghod mill-abbuz tad-drogi.**

**Il-Qorti tordna wkoll lill-imputat ai termini tal-artikolu 24(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, jhallas is-somma ta' hames mitt lira Maltin bhala kumpens lis-socjeta` NSTS Acquacentre Sliema bhala kumpens ghad-danni sofferti minnhom.**

**Tordna wkoll li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex huwa jinnomina kandidat ideali bhala Ufficjal ta' Supervizjoni ai termini tal-artikolu 9(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan qed tikkundannha lill-imputat JASON VELLA jhallas multa ta' hames mitt lira maltin.**

**Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lill-imputat u x'jigri f'kaz li huwa jonqos li josservha ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------